ID-DAWL

MEJJU 2025 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 89

“Alla ma jżommkomx milli turu tjieba u ġustizzja lejn dawk li ma ġġildux kontrikom minħabba r-reliġjon.”

Storja mimlija Għerf | Fidi u Rispett Reċiproku | Il-Valur tal-Indafa | Għaliex in-nies jidinbu?

Editorjal

Ir-regħba u l-għira

Imam Laiq Ahmed Atif
President Ahmadiyya Muslim Jamaat

Għall-paċi u l-istabbiltà fid-dinja hemm prinċipju importanti li dwaru aħna tgħallimna biex ma nixxennqux għall-ġid tal-oħrajn. Il-Koran Imqaddes jgħid:

“Ara li ma tmiddx għajnejk (bir-regħba) fuq dak (il-ġid materjali) li tajna lil xi whud minnhom biex igawdu għal ftit ħin – is-sbuħija ta’ din id-dinja – biex inġarrbuhom bih. Il-ġid ta’ Sidek huwa aħjar u jdum aktar.” (20:132)

Il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana jispjega dan b’mod tajjeb u jgħid: “Ir-regħba u l-għira għall-ġid tal-oħrajn huma l-kawża ta’ aktar inkwiet fid-dinja. Fuq bażi personali, il-fatt li kulħadd jipprova jagħmel bħal ħaddieħor, kif jgħidu, irriżulta f’regħba ma taqta’ xejn u fit-tkissir tal-paċi soċjali. Il-kompetizzjoni ta’ regħba fuq bażi nazzjonali bdiet u ħaditna lejn il-qerda tal-paċi fid-dinja. Dan hu ppruvat bl-istorja u kull bniedem sensibbli jista’ jifhem li x-xenqa għall-ġid tal-oħrajn tkattar l-għira u r-regħba u hija s-sors ta’ telfien.”

Għalhekk, minflok li nippruvaw naħtfu r-riżorsi ta’ ħaddieħor, huwa importanti li r-riżorsi naturali tal-pajjiżi kollha jiġu utilizzati b’mod tajjeb biex id-dinja ssir kenn ta’ paċi u prosperità għall-umanità kollha. Minflok ir-regħba u l-għira, is-sentimenti tal-imħabba u l-kompassjoni jiġu żviluppati bejn l-umanità.

ID-DAWL

MEJJU 2025 – Numru 89 – Pubblikazzjoni ta’
AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA
Mob: 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
Email: amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyyamalta.org

INDEX

Greed and envy	02
A story full of wisdom	03
Faith and mutual respect	04
The value of cleanliness	06
Why do people sin?	08

www.ahmadiyya.mt/id-dawl **Il-Qoxra:** Neirfy | Shutterstock
Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

Is-sigriet ta’ familja b’saħħitha
Storja ta’ tifla ċkejkna mimlija għerf

Il-Qdusija tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, darba rrakkonta inċident li seħħ tassew fejn kien hemm raġel u mara li kienu qed jiġġieldu. Tifla ċkejkna kienet qed tħares lejhom u kienet sorpriża ħafna. Wara xi żmien it-tnejn indunaw li kienu qed jagħmlu xi ħaġa ħażina. Sabiex iħassru l-mistħija tagħhom, staqsew lit-tifla ċkejkna għaliex qed tkun sorpriża ħafna meta tara hekk: “Ma jiġġildux il-ġenituri tiegħek; ommok u missierek ma jiġġildux jew ma jitkellmux bl-aħrax ma’ xulxin? Jew ma jkunux irrabjati?” It-tifla ċkejkna wieġbet fl-innoċenza mirakuluża tagħha u qalet, “Iva xi darba jiġri xi ħaġa, jekk missieri jirrabja, allura ommi tkun siekta u, jekk ommi tirrabja, allura missieri jkun sieket, allura ma jiġġildux.”

Jiġifieri, jekk xi darba jinqala’ xi ħaġa bejniethom, huma ma jweġbux lil xulxin bl-istess mod, jiġifieri, *‘no tit for tat’*, għalhekk, kwalunkwe nuqqas ta’ ftehim ma jittawwalx, u l-ebda ġlieda ma ssir bejniethom. B’dan il-mod il-paċi tad-dar ma tiġix affettwata b’mod negattiv.

Dan huwa s-sigriet sempliċi però profond ħafna ta’ familja b’saħħitha. Xi ġmiel! B’pass sempliċi, huma rnexxielhom jagħmlu l-ħajja tal-familja tagħhom adorabbli, paċifika u ideali. Allura, ma nistgħux aħna wkoll nitgħallmu minn din l-istorja sempliċi biex ngħixu ħajja sabiħa, ferħana, kuntenta u paċifika; u biex nagħmlu l-familji tagħna b’saħħithom?

Rawpixel | iStock

Q&A

L-Iżlam jippermetti li jirrispetta nies ta' reliġjonijiet oħra?

Illum il-ġurnata, meta d-dinja saret bħal raħal globali, aħna nistgħu nkunu nafu dak li jiġri madwar id-dinja anke mill-kumditàta' djarna, minħabba l-mezzi diġitali inkluż il-midja soċjali. Dan ipoġġi wkoll ħafna responsabbiltajiet fuq spallejna biex dejjem inkunu konxji ta' dak li ngħidu, niktbu jew inxerrdu fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali.

Naħseb li dawn il-mezzi huma sbieħ meta nużawhom b'mod tajjeb, effettiv u produttiv. Bl-istess mod, dawn il-mezzi jistgħu jkunu wkoll perikolużi jekk jintużaw mingħajr prudenza u b'mod insensittiv.

Għalhekk, għandna biex dejjem inkunu sensittivi biżżejjed dwar kull aspett u partikolarment dwar l-aspett reliġjuż, u dejjem nuru rispett għas-sentimenti reliġjużi ta' xulxin. Għax ma nistgħux niżirgħu ż-żerriegħa tal-paċi, l-imħabba u l-armonija mingħajr ma niżirgħu ż-żerriegħa tar-rispett reċiproku bejnietna.

Spiss jiġi allegat li l-Musulmani ma jirrispettawx reliġjonijiet oħra jew il-figuri reliġjużi tagħhom, xejn ma jista' jkun aktar 'il bogħod mill-verità. Fil-fatt, ibbażati fuq it-tagħlim tal-Koran Imqaddes, il-Musulmani jemmnu li l-profeti ta' Alla ntbagħtu lin-nazzjonijiet kollha sabiex jiggwidaw u jirriformaw lin-nies u juruhom it-triq li twassal għand Alla.

Aħna nemmnu bis-sħiħ fil-verità tal-profeti kollha u nemmnu li ntbagħtu biex jiġbdu l-umanità lejn Alla li Jista' Kollox u biex jgħallmu l-moralità u biex jistabbilixxu valuri umani universali, bħal-libertà tal-kuxjenza, il-ġustizzja u s-simpatija umana. Minħabba dan, kif jista' jkun possibbli għalina li ma nirrispettawx jew niddiżonoraw reliġjonijiet oħra, jew lis-segwaċi tagħhom?

Għalhekk, aħna l-Musulmani Aħmadi, aħna sinċiera fl-istqarrija tagħna li ma nobogħdu lil ħadd. Barra minn hekk, għandna mħabba ġenwina għan-nies kollha u aħna dejjem lesti li nestendu id ta' ħbiberija lil ħaddieħor.

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta u madwar id-dinja wriet bil-kbir dawn il-valuri ta' għaqda u rispett anke meta miet il-Papa Franġisku;

u esprimejt il-kondoljanzi tagħna lill-Knisja Kattolika u lill-membri tagħha f'Malta u madwar id-dinja għall-mewt ta' Papa Franġisku. Anke, il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, esprima wkoll il-kondoljanzi tiegħu f'isem il-Komunità Ahmadiyya Musulmana internazzjonali. Din hija turija tal-imħabba, ir-rispett u s-sensittività reliġjuża, li d-dinja għandha ħafna bżonnhom.

Rispett għall-Mejtin

Barra minn hekk, l-Iżlam jiggwidana biex nuru rispett kbir u dinjità għall-mejtin. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li, dejjem nitkellmu tajjeb dwar il-mejtin u nuru rispett u nattendu l-funeral tagħhom u nitolbu għalihom.

Nixtieq ukoll nirrakkonta storja tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, fejn wera rispett kbir lejn funeral. Darba l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien ma' sħabu, meta għadda l-funeral ta' Lhudi. Il-Profeta Muħammad qam malajr b'turija ta' rispett u baqa' wieqaf sakemm il-funeral kien għadda minn ħdejhom. Meta għaddiet il-purċissjoni tal-funeral, il-kumpanni qalu, "O Profeta, din kienet il-purċissjoni tal-funeral ta' Lhudi, għalfejn qomt?" Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal, "Jekk kien Lhudi, ma kienx hu wkoll bniedem?" U qal, "Kull meta taraw funeral, qumu u uru rispett."

Il-mogħdrija u l-ġustizzja

"Alla ma jżommkomx milli turu tjieba u ġustizzja lejn dawk li ma ġġildux kontrikom minħabba r-reliġjon u lanqas keċċewkom minn djarkom. Alla tabilħaqq iħobb lill-ġusti. Alla jżommkom biss milli tissieħbu ma' dawk li ġġieldu kontrikom minħabba l-fidi, u huma keċċewkom minn djarkom, u għenu lill-għedewwa fit-tkeċċija tagħkom. Allura, min jissieheb magħhom, dawk ikunu l-ħżiena."

(Il-Koran Imqaddes, 60:9-10)

Il-Morali

Il-valur tal-indafa

“Tabilħaqq, Alla jħobb lil dawk li jduru Lejh [bi ndiema] u jħobb lil dawk li jżommu lilhom infushom indaf u safja.” (Il-Koran, 2:223)

“Iċ-ċavetta għall-Ġenna huwa t-talb, u ċ-ċavetta għat-talb hija l-indafa.”

“It-talba li tingħad bis-snien imnaddfa bil-*miswak* jew xkupilja hija sebgħin darba aqwa minn dik it-talba fejn il-*miswak* (xkupilja) ma tkunx intużat.”

“L-indafa hija parti mill-fidi” hija frażi popolari ħafna tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u hi xi ħaġa li t-tfal Musulmani kollha jitgħallmu mindu jkunu ċkejknin. It-tfal Musulmani huma mgħallma li hija parti mid-dmirijiet reliġjużi tagħhom li jiffokaw fuq l-iġjene u l-indafa personali.

“Darba l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] għadda minn ħdejn żewġ oqbra u qal: ‘Min qed jokkupa dawn l-oqbra qed jiġi kastigat, imma mhux għall-akbar dnubiet tagħhom. Wieħed minnhom ma setax jevita li jkun kontaminat mill-urina.’”

Liudmila Chernetska | iStock

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien ħafna konxju, kważi puntiljuż, rigward l-indafa fiżika. Kien jaħsel snienu għadd ta' drabi matul il-jum u tant kien iffissat fuq din il-ħaġa li kien jgħid li kieku dan ir-rit ma kienx ikun ta' piż żejjed, kien jobbliga lil kull Musulman biex jaħsel snienu qabel kull waħda mill-Ħames Talbiet ta' kuljum. Dejjem kien jaħsel idejh qabel u wara kull ikla u, wara li jkun kiel xi ħaġa msajra, dejjem kien ilaħlaħ ħalqu u kien isostni li kull min jiekol xi ħaġa msajra kellu jlaħlaħ ħalqu speċjalment qabel it-talb. (Bukhari)

Forsi, l-aktar parti importanti tas-safa hija l-iġjene ta' ġisimna. Qabel kull waħda mill-ħames talbiet ta' kuljum, Musulman irid iwettaq ir-rit li jinħasel minn rasu sa saqajh bl-ilma nadif. Dan jassigura li dawk il-partijiet mill-ġisem li jkunu tħammġu matul il-ġurnata jitnaddfu u jibqgħu safja tul il-jum.

L-Iżlam ħoloq ukoll etikett ċar għat-tojlit għall-Musulmani. F'ħafna pajjiżi x-xawer Musulman huwa użat ħafna fil-kmamar tal-banju u t-tojlits biex jassigura li l-partijiet privati jkunu ndaf permezz tal-ilma li llum huwa ppruvat xjentifikament li huwa metodu aktar iġjeniku ta' ndafa.

Fl-istruttura tal-Iżlam il-moskea hija l-unika post fejn jistgħu jinġemgħu l-Musulmani. Għaldaqstant, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] għamel enfasi kbira dwar l-indafa tal-moskej, speċjalment f'dawk l-okkażjonijiet fejn kienu se jinġabru ħafna nies fihom. Huwa ta struzzjonijiet biex f'dawn l-okkażjonijiet jinħaraq l-inċens fil-moskej ħalli tissaffa l-arja (Abu Dawud). Huwa ta wkoll direzzjoni biex ħadd ma jmur il-moskea meta kien se jkun hemm il-miġemgħa wara li jkun kiel xi ħaġa li tista' tħalli rwejjaħ jintnu. (Bukhari)

Il-Qaddis Profeta Muħammad insista wkoll li t-toroq għandhom jinżammu ndaf u mhux ingumbrati bi zkuk, ġebel, u b'affarijiet jew materjal ieħor li setgħu jfixklu jew joħolqu inkonvenjent. Kull meta huwa stess kien isib xi ħaġa mitfugħa f'nofs ta' triq kien ineħħiha, u kien jgħid li persuna li kienet tgħin biex iżżomm it-toroq nodfa kienet tiggwadanja mertu spiritwali quddiem Alla.

Għaliex in-nies jidinbu?

Il-bnedmin jagħmlu dnub għax tilfu l-fakultajiet spiritwali tagħhom u ma jibżgħux minn Alla. Meta l-bniedem ma jibżax minn Alla, u ma jemminx fil-ġudizzju divin, allura mbagħad jitbiegħed mir-reliġjon u minn Alla. Il-biża' minn Alla li Jista' Kollox huwa xi ħaġa li tbiegħed lill-persuna mill-ħażen u tressaqha eqreb lejn ir-reliġjon. Imma meta l-biża' ta' Alla joħroġ mill-qalb, allura l-bniedem ma jiddejjaqx mir-reliġjon u t-tjubija. Għalhekk, bħala riżultat, jaqa' f'xibka ta' dnub u għemil ħażin.

Bl-istess mod, meta persuna ma tirrispettax il-liġijiet soċjali u tal-pajjiż, allura tinvolvi ruħha f'attivitajiet illegali. Meta l-bniedem ma jagħtix kas jew ma jagħtix importanza lil-liġi, allura jsuq il-karozza b'veloċità kbira kemm irid, ma jimpurtah minn ħadd, anke jekk ikun hemm xi inċident ikrah; u bħala riżultat ta' dan-nuqqas ta' rispett xi drabi dawn in-nies jispiċċaw f'sitwazzjoni ħażina.

Hekk kif in-nuqqas ta' rispett lejn il-liġi joħloq problemi lill-persuna, bl-istess mod, id-distanza minn Alla li Jista' Kollox iġġiegħel lill-persuna tbati spiritwalment. Hekk kif il-problemi dinjija jitħallew jagħmlu l-effetti fuq ġisem il-bniedem, bl-istess mod, in-nuqqasijiet spiritwali jitħallew jagħmlu l-effetti tagħhom fuq ruħ il-bniedem.

Barra minn hekk, id-dawl tas-sema, li jgħin biex tiddistingwi l-verità mill-falsità, ħareġ minn kważi kull qalb, l-ateiżmu qed jinfirex ma' kullimkien, u, waqt li l-ilsna jsemmu l-isem ta' Alla, il-qlub qed jikbru dejjem aktar inklinati lejn l-anjosticiżmu. Il-materjaliżmu qed jiżdied ħafna, u l-ispiritwalità tkompli tonqos, u tonqos biss. Ħafna nies ma jeħdux ħsieb is-safa ta' qalbhom, l-imħabba vera għal Alla, is-simpatija għall-umanità, u morali ogħla bħall-umiltà, il-qalb tajba, il-ġustizzja u l-umiltà; u ma jkollhomx konsiderazzjoni għas-safa, il-pjetà, it-tjieba u l-ġustizzja, li huma r-ruħ tar-reliġjon u l-essenza tal-eżistenza tal-bniedem.

IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

"ID-DAWL" (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyya.mt